MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Rikors Numru. 16/1998/1

**Rikors Nru. 16/1998**

**Kummissarju ta' l- Art**

**Vs**

**Catherine Zammit**

Il- Bord,

Ra r- rikors tal- Kummissarju ta' l- Artijiet fejn jesponi b' rispett:

Illi l- intimata giet notifikata b' Avviz ghall- ftehim datat 17 ta' Novembru, 1997 fejn giet infurmata li l- kumpens li l- awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax- xiri assolut bhala franka u libera tal- bicca art fiz- Zurrieq tal- kejl ta' 100 metru kwadru li tmiss mit- Tramuntana ma' propjeta' ta' Felix Briffa et, minn Nofsinhar ma' propjeta' ta' Mario Mangion et u mil- Lvant ma' propjeta' ta'

Catherine Zammit huwa ta’ hamsin Lira Maltin (Lm50.00) kif jidher mir- rapport tal- perit Fred V. Valentino A. & C. E. tat- 8 ta’ Novembru 1996 li kopja tieghu hija annessa ma’ l- istess Avviz ghall- Ftehim.

Illi b’ ittra ufficjali tat- 3 ta’ Frar 1998 l- intimata fost affarjiet ohra tiddikjara li ma taccetax il- kumpens offert u titlob li dan il- kumpens ghandu jkun ta’ elfejn Liri Maltin (Lm 2000).

Ghaldaqstant ir- rikorrent titlob bir- rispett li dan il- bord joghgbu jordna lill- intimata biex tittrasferixxi favur ir- rikorrent b’ titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera il- bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin- Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad- Dipartiment ta’ l- Art jew lin- Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l- att relattiv f’ dik il- gurnata, hin u lok li dan il- bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall- eventwali kontumaci fuq l- att u jaghti l- provedimenti l- ohra kollha mehtiega skond id- dispozzizzjonijiet tal- Ordinanza dwar l- Akkwist ta’ Artijiet ghall- Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra r- risposta.

Bil- presenti Catherine Zammit ta’ 69, Triq Santa Katerina, Zurrieq, fl- ewwel lok naghmel referenza ghall avvis ta’ ftehim minnek lilha komunikat taz- 17 ta’ Novembru 1997 u li gie notifikat lilha xi jiem ilu li permezz tieghu hija giet informata illi l- kumpens li l- awtorita kompetenti hija leta thallas ghax- xiri assolut bhala libera u franka bicca art fiz- Zurrieq tal- kejl ta’ 100 metru kwadru li tmiss mit- Tramunatana ma’ propjeta’ ta’ Felix Briffa et, minn nofsinhar ma’ propjeta ta’ Mario Mangion et u mil- Lvant ma’ propjeta’ ta Catherine Zammit, huwa hamsin liri Maltin (Lm50).

Fit- tieni lok, il- mittenti ma taqbilx mar- rapport tal- Perit Fred H. Valentino A. & C. E. tat- 8 ta’ Novembru 1996 u dan peress illi l- art in kwistjoni tiswa hafna aktar minn Lm 50 peress illi din l- art tinsab f’ area li qeghda bejn l- iskemi ta’ Zvilupp taz- Zurrieq u Hal Safi u bejn zewg

inhawi li huma zviluppati u ghaldaqstant ma tistax tigi klassifikata bhala art agrikola, izda art f' “white area” ghal-liema raguni l- valur ta' l- art ghandu jkun ta' cirka Lm 2000 (elfejn lira Maltija).

Illi ghaldaqstant l- mittneti, filwaqt li tressaq l- oggezjoni taghha ghall- istima ta' Lm 50 attribuita stante illi hija somma ferm inferjuri mill- prezz attwali tal- istess, titlob illi l- valur tal- art li ghandu jithallas lilha tal- art aktar il- fuq indikata ghandu jkun ta' Lm 2000

Sema x- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ra li d- dikjarazjoni tal- President u l- Avviz ghal ftehim gew notifikati skond il- ligi.

Ra d- digriet tieghu li bih gew nominati Periti teknici l- AIC Frederick Valentino u l- AIC Joseph Mizzi. Ra d- digriet tieghu li lil l- imsemmi Perit Valentino billi kien ghamel l-istima ghar- rikorrent gie mbiddel bil- Perit David Pace.

Ra r- relazzjoni tal- Periti Joseph Mizzi u David Pace li ghandha tghamel parti shiha minn din is- sentienza.

Ra l- verbal ta' l- 1 ta' Marzu 2004.

Ra li l- periti wara li hadu konjizzjoni tal- provi u tas-sottomissjonijiet maghmula u zammew access fil-prezenza tal- partijiet waslu ghall- konkluzzjoni illi l-propjeta hi wahda agrikola skond il- ligi u li l- valur taghha hu ta' mitejn u sebgha u sittin lira Maltija. (Lm 267).

Jilqa it- talbiet mghamula fir- rikors u jordna favur ir-rikorrent it- trasferimet b' titolu ta' xiri assolut, libera u franka tal- bicca art fiz- Zurrieq tal- kejl ta' 100 metru kwadru li tmiss mit- Tramuntana ma' propjeta' ta' Felix Briffa et, minn Nofsinhar ma' propjeta' ta' Mario Mangion et u mil- Lvant ma' propjeta' ta' Catherine Zammit skond il- pjanta mhemuza mal- Avviz tal- Ftehim li tikkwalifika bhala art agrikola bil- kumpens mitejn u sebgha u sittin lira

Maltija (Lm267). Jahtar lin- Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad- Dipartiment ta’ l- Art jew lin Nutar li jkun qed jaghmel minfloku biex jippublika l- att relattiv fis- 7 ta’ Ottubru 2004 fid- 9.30 a.m. fl- ufficju tar- rikorrent u lill- Avukat Dottor Renzo Prosella Flores biex jidher ghall- kontumaci fuq l- att. Juza id- deskrizzjoni tieghu u jordna li l- ispejjez ta’ din il- procedura u tal- pubblikazzjoni ta’ l- att jithallsu mir- rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------